ISSN 1725-5198

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

C 93

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 52

22 ta' April 2009

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet*

RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Il-Bank Ċentrali Ewropew**

2009/C 93/01 Rakkomandazzjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' April 2009 lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tad-De Nederlandsche Bank (BĊE/2009/8) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 1

OPINJONIJIET

**Il-Kummissjoni**

2009/C 93/02 Opinjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' April 2009 dwar il-pjan emendat għar-rimi tal-iskart radjuattiv mill-impjant nukleari ta' Civaux, Franza, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom . . . . . . . . . . . . . . . . 2



*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Il-Bank Ċentrali Ewropew**

2009/C 93/03 Opinjoni tal-bank ċentrali ewropew tal-5 ta' Marzu 2009 fuq talba tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fuq proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar banek affiljati ma' istituzzjonijiet ċentrali, ċerti elementi ta' fondi proprji, skoperturi kbar, arranġamenti superviżorji, u l-ġestjoni tal-kriżijiet (CON/2009/17) ..... 3

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Kummissjoni**

2009/C 93/04 Rata tal-kambju tal-euro ..... 16

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2009/C 93/05 Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuna mill-Istat skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju fil-produzzjoni tal-prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001 ..... 17

MT

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

I

*(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tat-3 ta' April 2009**

**lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tad-De Nederlandsche Bank**

(BĊE/2009/8)

(2009/C 93/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Fit-12 ta' Lulju 2005, Josephus Andreas Nijhuis, *accountant* reġistrat u president tal-bord ta' PricewaterhouseCoopers Accountants N.V. ("PWC"), li aġixxa fil-kapaċità personali tiegħu, inħatar bħala l-awditur estern tad-De Nederlandsche Bank (DNB) mis-sena finanzjarja 2005 għal perijodu indefinit.

(3) Josephus Andreas Nijhuis irriżenja minn PWC b'effett mill-1 ta' Ottubru 2008. Għalhekk id-DNB jeħtieġ li jaħtar awdituri ġodda.

(4) Id-DNB jixtieq jagħżel lil PWC bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2008 sa 2011,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrakkomandat li PricewaterhouseCoopers Accountants N.V. għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni tad-De Nederlandsche Bank għas-snin finanzjarji 2008 sa 2011.

Magħmula fi Frankfurt am Main, 3 de Abril de 2009.

*Il-President tal-BĊE*

Jean Claude-TRICHET

# OPINJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI

## OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-21 ta' April 2009**

**dwar il-pjan emendat għar-rimi tal-iskart radjuattiv mill-impjant nukleari ta' Civaux, Franza, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom**

**(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)**

(2009/C 93/02)

Fl-24 ta' Novembru 2008, il-Kummissjoni Ewropea rċeviet mingħand il-Gvern ta' Franza, skont l-Artikolu 37 tat-Trattat tal-Euratom, Dejta Ġenerali dwar il-pjan emendat għar-rimi tal-iskart radjuattiv mill-impjant nukleari ta' Civaux.

Abbażi ta' din id-dejta, u wara konsultazzjoni mal-Grupp ta' Esperti, il-Kummissjoni fasslet l-opinjoni li ġejja:

(1) Id-distanza mill-impjant sal-eqreb punt f'pajjiż ġar, jiġifieri l-gżira ta' Jersey (iċ-Channel Islands, Dipendenza tal-Kuruna Brittanika), hija madwar 360 km. Għall-Istati Membri, id-distanza hija ta' madwar 400 km għal Spanja u madwar 470 km għar-Renju Unit u l-Belġju.

(2) Il-modifika ppjanata se twassal għal tnaqqis ġenerali fil-limiti għar-rimi ta' gassijiet u likwidi, ħlief għat-tritju likwidu, li għalih hija prevista żieda.

(3) Matul l-operat normali, il-modifika ppjanata mhix se ġġib magħha esponiment li jista' jolqot is-saħħa tal-popolazzjoni ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż ġar.

(4) Fil-każ ta' rilaxxi mhux ippjanati ta' tnixxijiet radjoattivi li jistgħu jirriżultaw minn inċident tat-tip u l-livell ta' serjetà meqjusa fid-Dejta Ġenerali oriġinali, il-modifika ppjanata fis-sistema ta' ġestjoni tal-fjuwil mhijiex se twassal għal dożi li jistgħu jolqtu s-saħħa tal-popolazzjoni ta' Stat Membru ieħor jew ta' pajjiż ġar.

B'konklużjoni, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-implimentazzjoni tal-pjan emendat għar-rimi tal-iskart radjuattiv mill-impjant nukleari ta' Civaux, Franza, kemm fl-operat normali kif ukoll fil-każ ta' inċident tat-tip u l-livell ta' serjetà meqjusa fid-Dejta Ġenerali, mhux mistenni li tirriżulta fit-tniġġis radjuattiv tal-ilma, tal-ħamrija jew tal-atmosfera ta' Stat Membru ieħor jew pajjiż ġar.

# IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tal-5 ta' Marzu 2009**

**fuq talba tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fuq proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar banek affiljati ma' istituzzjonijiet ċentrali, ċerti elementi ta' fondi proprji, skoperturi kbar, arranġamenti superviżorji, u l-ġestjoni tal-kriżijiet**

(CON/2009/17)

(2009/C 93/03)

### Introduzzjoni u bażi legali

Fit-22 ta' Ottubru 2008 l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni fuq proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE dwar banek affiljati ma' istituzzjonijiet ċentrali, ċerti elementi ta' fondi proprji, skoperturi kbar, arranġamenti superviżorji, u l-ġestjoni tal-kriżijiet ([1]) (minn issa 'l quddiem id-"direttiva proposta") ([2]).

Il-kompetenza tal-BĊE biex jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 105(4) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

### Osservazzjonijiet ġenerali

*Ir-riforma tal-arranġamenti superviżorji fis-settur finanzjarju*

1. Il-BĊE jenfasizza li l-osservazzjonijiet speċifiċi f'din l-opinjoni huma mingħajr preġudizzju għall-kontribuzzjonijiet possibbli fil-futur biex jitwessa' d-dibattitu Ewropew fuq ir-riforma tal-arranġamenti superviżorji ([3]) Ewropej, speċjalment fil-kuntest tar-rakkomandazzjonijiet mill-grupp ta' esperti ta' livell għoli li waqqfet il-Kummissjoni ([4]).

([1]) KUMM(2008) 602 finali, l-1 ta' Ottubru 2008. Disponibbli f'www.eur-lex.europa.eu
([2]) Din l-opinjoni hija bbażata fuq il-verżjoni tal-1 ta' Ottubru 2008 li fuqha l-BĊE ġie kkonsultat formalment. Id-direttiva proposta kienet is-suġġett ta' iktar emendi fil-grupp ta' ħidma tal-Kunsill.
([3]) Ara l-paragrafu 8 tal-konklużjonijiet tal-Presidenza, Kunsill Ewropew, tal-15 - 16 ta' Ottubru 2008, disponibbli fil-websajt tal-Kunsill f'www.consilium.europa.eu u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, "Minn kriżi finanzjarja għall-irkupru: Qafas Ewropew għall-azzjoni", KUMM(2008) 706 finali tad-29 ta' Ottubru 2008, disponibbli fil-websajt tal-Kummissjoni f'www.ec.europa.eu
([4]) Ir-rapport tal-grupp de Larosière tal-25 ta' Frar 2009 huwa disponibbli f'www.europa.eu

*Strumenti legali għall-implimentazzjoni konsistenti tal-leġiżlazzjoni bankarja Ewropea*

2. Il-BĊE esprima l-fehma tiegħu diversi drabi [1] fis-sens li l-istruttura kurrenti tad-Direttivi 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar il-bidu u t-tkomplija tan-negozju ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (abbozzata mill-ġdid) [2] u 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar is-suffiċjenza kapitali ta' ditti ta' investiment u istituzzjonijiet ta' kreditu (abbozzata mill-ġdid) [3] m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala l-eżitu mixtieq finali, imma pjuttost pass wieħed f'proċess fit-tul lejn it-twaqqif ta', skont il-prinċipji u l-għanijiet żviluppati taħt il-metodu Lamfalussy, sett ta' miżuri ta' implimentazzjoni tal-Livell 2 direttament applikabbli għall-istituzzjonijiet finanzjarji ġewwa l-Unjoni Ewropea. Id-Direttiva 2006/48/KE tirrikorri b'mod limitat għall-komitoloġija u għandha skop limitat għall-miżuri ta' implimentazzjoni [4]. L-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Basel II [5] ipprovdiet opportunità unika għar-reviżjoni tad-Direttiva 2006/48/KE fuq dawn il-linji imma din ma ġietx użata. Għalhekk, għad fadal ħafna xi jsir fil-qasam bankarju biex jinkisbu l-benefiċċji sħaħ tal-metodu regolatorju Lamfalussy. Dan il-proċess ikun jeħtieġ: (i) li l-atti legali Komunitarji tal-Livell 1 jiġu limitati għal prinċipji ta' qafas li jirriflettu l-għażliet politiċi bażiċi u kwistjonijiet sostantivi; u (ii) id-dispożizzjonijiet tekniċi jitpoġġew flimkien f'regolament tal-Livell 2 wieħed jew diversi applikabbli direttament li, b'użu ikbar tal-komitoloġija, gradwalment joħorġu bħala l-korp ewlieni ta' regoli tekniċi applikabbli għall-istituzzjonijiet finanzjarji fl-UE. F'dan ir-rigward, il-BĊE huwa tal-fehma li l-maġġoranza tal-annessi tekniċi tad-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE għandhom jiġu adottati direttament bħala miżuri tal-Livell 2 u, safejn ikunu kompatibbli mal-flessibbiltà meħtieġa għall-implimentazzjoni nazzjonali, bħala regolamenti tal-Kummissjoni.

3. L-użu limitat possibbli ta' miżuri ta' implimentazzjoni tal-Livell 2 sostanzjali u strutturati fil-kuntest tad-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE jagħti rwol iktar prominenti lil-linji ta' gwida fil-Livell 3 tal-qafas Lamfalussy. F'dan ir-rigward, il-BĊE jinnota li d-direttiva proposta tintroduċi għall-ewwel darba fid-Direttiva 2006/48/KE referenzi espressi għal-linji ta' gwida u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej (CEBS) [6]. Il-BĊE jirrikonoxxi bis-sħiħ il-benefiċċji ta' dawn il-Linji ta' Gwida, ix-xogħol konsiderevoli magħmul mis-CEBS fil-konverġenza ta' standards u prattiċi superviżorji u l-bżonn li tiġi żgurata l-konformità tal-Istati Membri. Madankollu, minħabba n-natura mhux vinkolanti tagħhom, dawn il-linji ta' gwida ma jiggarantixxux l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Komunitarja fl-Istati Membri. Skont il-prinċipji ta' "Regolamentazzjoni Aħjar" [7] għandhom jiġu evitati referenzi espliċiti għal linji ta' gwida mhux vinkolanti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja. Minflok, il-BĊE jirrakkomanda li d-direttiva proposta tispeċifika l-oqsma fejn is-CEBS tintalab tikkontribwixxi biex tittejjeb il-konverġenza ta' prattiċi superviżorji. Barra minn hekk, skont il-metodu Lamfalussy u l-parir mogħti fil-paragrafu 2 u biex tkompli tingħata kontribuzzjoni għall-adozzjoni ta' qafas legali armonizzat fil-livell tal-UE, jista' jkun mixtieq f'ċerti każijiet li l-leġiżlatur Komunitarju jikkonverti l-kontenut sostantiv ta' dawn il-linji ta' gwida CEBS tal-Livell 3 li mhumiex vinkolanti f'leġiżlazzjoni Komunitarja vinkolanti, jew fil-Livell 1 taħt il-proċedura tal-kodeċiżjoni jew fil-forma ta' miżuri ta' implimentazzjonital-Livell

(1) Ara l-paragrafu 6 tal-Opinjoni tal-BĊE CON/2004/7 tal-20 ta' Frar 2004 fuq talba tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fuq proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 85/611/KEE, 91/765/KEE, 93/6/KEE u 94/19/KE u d-Direttivi 2000/12/KE, 2002/83/KE u 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex tiġi stabbilita struttura organizzattiva ġdida tal-kumitat ta' servizzi finanzjarji (KUMM(2003) 659 finali), (ĠU C 58, 6.3.2004, p. 23); il-paragrafi 6 sa 10 tal-Opinjoni BĊE CON/2005/4 ta' 17 ta' Frar 2005 fuq it-talba tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, dwar proposta għal direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jabbozzaw mill-ġdid id-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000, dwar il-bidu u s-segwiment tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu, u d-Direttiva tal-Kunsill 93/6/KEE tal-15 ta' Marzu 1993, dwar is-suffiċjenza tal-kapital tad-ditti ta' l-investiment u ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU C 52, 2.3.2005, p. 37) u l-paragrafu 3.5 tal-Opinjoni tal-BĊE CON/2006/60 tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar proposta għal Direttiva li temenda ċerti Direttivi tal-Komunità fir-rigward ta' regoli proċedurali u kriterji ta' stima għall-valutazzjoni prudenti ta' akkwisti u żidiet ta' parteċipazzjonijiet azzjonarji fis-settur finanzjarju (ĠU C 27, 7.2.2007, p. 1).

(2) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 1.

(3) ĠU L 177, 30.6.2006, p. 201.

(4) Ara l-Artikoli 150 u 151 tad-Direttiva 2006/48/KE u l-emendi għal dawn id-dispożizzjonijiet fid-direttiva proposta.

(5) Il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżoni Bankarja, "Konverġenza Internazzjonali dwar *Capital Measurement* u Standards Kapitali: Qafas irrivedut", Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BIS), Ġunju 2004; disponibbli fil-websajt tal-BIS f'www.bis.org

(6) Ara f'dan ir-rigward il-premessi ġodda 1 u 7, l-Artikolu 42b, l-Artikolu 63a(6) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 131a(2).

(7) Ara f'dan ir-rigward il-*Gwida Prattika Komuni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għall-persuni involuti fl-abbozzar tat-testi leġiżlattivi fi ħdan l-istituzzjonijiet Komunitarji*, partikolarment ir-Rakkomandazzjonijiet 12 u 17, paġni 38 u 54, disponibbli fil-websajt Europa f'www.europa.eu

2 li jiġu adottati mill-Kummissjoni taħt il-poteri tagħha ta' komitoloġija u japplikaw b'mod uniformi fl-Istati Membri kollha ([1]).

4. Il-BĊE jifhem li numru ta' emendi proposti mill-Kummissjoni fir-rigward tad-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE ġew ipprovokati mit-taqlib finanzjarju riċenti u r-ristrutturar ta' dawn id-direttivi ma kienx konċepibbli fil-kuntest kurrenti. Iżda, fil-fehma tal-BĊE reviżjoni radikali ta' dawk id-direttivi skont il-prinċipji deskritti hawn fuq tikkontribwixxi ħafna biex titjieb it-trasparenza u ċ-ċertezza legali tal-leġiżlazzjoni bankarja Komunitarja. It-taqlib fis-suq ta' bħalissa enfasizza wkoll l-importanza ta' strumenti legali li jistgħu jiġu emendati malajr biex jadattaw għal ċirkostanzi li jinbidlu, jiġifieri miżuri ta' implimentazzjoni tal-Livell 2, biex il-prinċipji ta' qafas jitħallew biss għal atti tal-Livell 1 riġidi billi ġeneralment ikunu iktar permanenti. Il-BĊE jixtieq iħeġġeġ lil-leġiżlatur tal-UE, fid-dawl ukoll tal-konklużjonijiet tal-grupp ta' esperti ta' livell għoli, biex jiġu kkunsidrati r-rakkomandazzjonijiet memmijin hawn fuq.

*Komitoloġija*

5. Riċentement il-Kummissjoni pproponiet żewġ abbozzi ta' direttivi ta' implimentazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet tekniċi dwar il-ġestjoni tar-riskju ([2]). Il-BĊE jinnota li wħud minn dawn id-dispożizzjonijiet tekniċi għandhom x'jaqsmu mat-titolizzazzjoni (*securitisation*) u l-metodoloġiji użati minn istituzzjonijiet ta' valutazzjoni ta' kreditu estern. Filwaqt li l-BĊE m'għandu l-ebda osservazzjonijiet partikolari dwar dawn id-dispożizzjonijiet speċifiċi, jaqbel mal-fehmiet tal-Kummissjoni dwar is-sekwenza tal-miżuri tal-Livell 1 u l-Livell 2 ([3]), li: (i) bħala regola u biex ikun hemm koerenza legali u trasparenza, miżuri tal-Livell 2 m'għandhomx jippreċedu l-miżuri tal-Livell 1 u b'hekk ikun hemm ir-riskju li tiġi evitata d-diskussjoni fuq is-sustanza tagħhom; u (ii) ix-xogħol fuq il-Livell 1 u 2 għandu jsir kemm jista' jkun b'mod parallel. Dan jiffaċilita l-eżerċizzju mill-BĊE tar-rwol konsultattiv tiegħu taħt l-Artikolu 105(4) tat-Trattat fuq atti Komunitarji proposti (inklużi abbozzi ta' miżuri ta' implimentazzjoni tal-Livell 2).

## Osservazzjonijiet speċifiċi

*L-iskoperturi interbankarji u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja (l-Artikolu 113(3) u (4) ġdid propost tad-Direttiva 2006/48/KE)*

6. Il-BĊE ġeneralment jilqa' l-għan tad-direttiva proposta, li huwa biex tittejjeb il-ġestjoni tar-riskju u l-likwidità f'istituzzjonijiet ta' kreditu inkluż fir-rigward tal-iskoperturi interbankarji ([4]). B'mod partikolari, il-BĊE jikkondividi l-fehma tal-Kummissjoni li l-iskoperturi interbankarji jippreżentaw riskju sinjifikanti billi l-banek, għalkemm huma rregolati, jistgħu jfallu u skoperturi kbar ikun jeħtieġu ġestjoni prudenti ħafna ([5]).

7. Il-BĊE jinnota li d-direttiva proposta tintroduċi eżenzjoni għal "elementi tal-assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq istituzzjonijiet, u skoperturi oħra għal istituzzjonijiet, dejjem jekk dawk l-iskoperturi… ma jdumux aktar mill-jum tan-negozju li jkun imiss u jkunu fil-munita tal-Istat Membru li jkun qed jeżerċita din l-għażla, dejjem jekk din il-munita ma tkunx l-euro" ([6]). Il-BĊE huwa tal-fehma li d-dispożizzjoni ta' hawn fuq tqajjem tħassib fir-rigward tal-ekwità u li din id-dispożizzjoni għandha tiġi emendata biex tipprovdi għal trattament ugwali fost l-Istati Membri.

([1]) Il-kumitat Lamfalussy innifsu indika fl-2001 li dawn ir-rakkomandazzjonijiet interpretattivi u standards komuni "dwar kwistjonijiet mhux koperti mil-leġiżlazzjoni tal-UE – meta jkun meħtieġ, jistgħu jiġu adottati fid-dritt Komunitarju permezz ta' proċedura tal-Livell 2"(ara l-*Final report of the Committee of Wise Men on the regulation of European securities markets* (Ir-rapport finali tal-Kumitat tal-Għorrief fuq ir-regolament tas-swieq tat-titoli), 15.2.2001, p. 37, disponibbli fil-websajt Europa f'www.europa.eu).

([2]) Abbozz tad-Direttiva tal-Kummissjoni li temenda ċerti annessi tad-Direttiva 2006/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' dispożizzjonijiet tekniċi dwar il-ġestjoni tar-riskju u l-abbozz tad-Direttiva tal-Kummissjoni li temenda ċerti annessi tad-Direttiva 2006/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' dispożizzjonijiet tekniċi dwar il-ġestjoni tar-riskju, disponibbli fil-websajt tal-Kummissjoni f'www.ec.europa.eu

([3]) Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – Reviżjoni tal-proċess Lamfalussy – It-tisħiħ tal-konverġenza tas-sorveljanza, 20.11.2007, KUMM(2007) 727 finali, disponibbli fil-websajt tal-Kummissjoni f'www.ec.europa.eu

([4]) Ara l-paragrafi 6.2.3 u 6.4.5 tal-Memorandum Spjegattiv mad-direttiva proposta, paġni 8 u 10.

([5]) Ara l-paragrafu 6.2.3 tal-Memorandum Spjegattiv mad-direttiva proposta, p. 8.

([6]) Artikolu 113(4)(f) propost.

8. Barra minn hekk, il-BĊE jitlob li jkun hemm kawtela meta jiġu ddisinjati miżuri fuq il-limiti għall-iskoperturi interbankarji billi l-miżuri proposti għandhom jevitaw li jtellfu l-fluss bla xkiel ta' likwidità fis-suq interbankarju. Minn perspettiva tal-implimentazzjoni ta' politika monetarja, jekk jiġi ristrett il-fluss bla xkiel ta' likwidità fis-suq interbankarju, partikolarment b'maturitajiet qosra li ħafna huma mil-lum għall-għada (*overnight*) jew sa ġimgħa dan ma jkunx mixtieq, kemm f'ċirkustanzi normali jew fit-taqlib tas-suq finanzjarju kurrenti. Fil-fatt, fi żminijiet normali l-attivitajiet kummerċjali tal-kontropartijiet tal-Eurosistema huma strumentali fir-ridistribuzzjoni tal-likwidità f'terminu qasir fis-suq u għalhekk m'għandhomx jiġu ristretti billi dan ikun ta' detriment għat-treġija mingħajr xkiel tar-rati tas-suq tal-flus f'terminu qasir lejn rata minima tal-offerta fuq l-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlieni tal-Eurosistema.

9. Fir-rigward ta' dak li ntqal hawn fuq, il-BĊE jenfasizza li s-self b'maturità qasira ma jfissirx riskju ta' kobor simili pparagunat mas-self b'maturità itwal. Barra minn hekk, il-kwalità tal-kreditu tvarja wkoll fost il-kontropartijiet. Fir-rigward tal-limitu propost fuq skoperturi interbankarji ta' 25 % tal-fondi proprji tal-istituzzjoni ta' kreditu jew l-ammont ta' EUR 150 miljun ([1]), immaterjalment mill-maturità tagħhom, l-analiżi kwantitattiva interna tal-BĊE tissuġġerixxi li s-sehem mhux negliġibbli tal-banek kien ikunu ristrett fl-attivitajiet ta' self mil-lum għall-għada tagħhom f'numru sostanzjali ta' tranżazzjonijiet kieku l-limitu kien f'postu qabel il-bidu tat-taqlib fis-swieq finanzjarji f'Awwissu 2007. Dan jikkostitwixxi bidla sostanzali u mhux mixtieqa meta pparagunata mal-qafas legali tal-UE kurrenti, li jippermetti li l-Istat Membri jeżentaw għal kollox jew parzjalment "pretenzjonijiet fuq u skoperturi oħrajn għal istituzzjonijiet, b'maturità ta' sena jew iżjed" mill-applikazzjoni ta' regoli fuq skoperturi kbar ([2]). Minn perspettiva ta' implimentazzjoni tal-politika monetarja, il-BĊE huwa tal-fehma li l-limitu propost hawn fuq jirrestringi l-fluss bla xkiel tal-likwidità ġewwa s-suq interbankarju u jista' jkun ta' detriment għall-funzjonament mingħajr xkiel tas-suq tal-flus tal-euro. F'dan il-kuntest, filwaqt li l-BĊE jenfasizza li l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom stabbiliti miżuri ta' mitigazzjoni u l-għodod ta' monitoraġġ skont ir-rekwiżiti mfissra fl-Anness V tad-Direttiva 2006/48/KE biex jindirizzaw riskji potenzjali assoċjati ma' skoperturi interbankarji għal terminu qasir, huwa jilqa', madankollu, l-introduzzjoni ta' eżenzjoni minn talbiet b'maturità qasira ħafna, eż. ta' ġimgħa jew anqas, mill-applikazzjoni ta' sistema tal-iskoperturi kbar. Barra minn hekk, jilqa' analiżi mal-UE kollha tas-suq tal-flus u – abbażi ta' din l-analiżi – l-introduzzjoni possibbli ta' ċerti miżuri bħal eżenzjoni fuq pretenzjonijiet b'maturità ta' iktar minn ġimgħa.

*Kwistjonijiet ta' likwidità (Annessi V u XI ġodda u l-Artikolu 41)*

10. Fil-fehma tal-BĊE, l-emendi għad-Direttiva 2006/48/KE dwar ir-riskju ta' likwidità ([3]), li jimplimentaw ix-xogħol imwettaq mill-Basel Committee on Banking Supervision (BCBS) ([4]) (Kumitat ta' Basilea fuq is-Superviżjoni Bankarja) u s-CEBS ([5]), huma pass neċessarju u mixtieq minħabba l-importanza tal-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità li ġie żvelat fit-taqlib tas-suq kurrenti. F'dan ir-rigward, invista ta' xogħol possibbli fil-ġejjieni mill-Kummissjoni, huwa importanti li tiġi pprovduta aktar gwida fuq l-aspetti ewlenin bħad-definizzjoni u l-iffissar tat-tolleranza tar-riskju ([6]) u l-adegwatezza ta' *buffers* ta' likwidità ([7]). Meta jiġu kkunsidrati l-ħidmiet tal-istabbiltà finanzjarja, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-banek ċentrali jkollhom aċċess xieraq għall-informazzjoni relatata mal-pjanijiet ta' ffinanzjar ta' kontinġenza tal-banek.

---

([1]) Ara t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 111(1) propost.

([2]) L-Artikolu 113(3)(i) ġdid.

([3]) Ara l-Anness V ġdid.

([4]) Ara l-*Principles for Sound Liquidity Risk Management and Supervsision*, Basel Committee on Banking Supervision (Prinċipji għall-Ġestjoni Soda u s-Superviżjoni tar-Riskju tal-Likwidità, Kumitat ta' Basilea fuq is-Superviżjoni Bankarja), Settembru 2008, disponibbli fil-websajt tal-BIS f'www.bis.org

([5]) Ara l-*First part of the CEBS' technical advice on liquidity risk management* (l-Ewwel parti tal-parir tekniku tas-CEBS fuq il-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità – *Survey of the current regulatory frameworks adopted by the EEA regulators* (Stħarriġ tal-qafas regolatorju kurrenti adottat mir-regolaturi taż-ŻEE), 15.8.2007 u s-*Second part of the CEBS's technical advice to the European Commission on liquidity risk management – Analysis of specific issues listed by the Commission and challenges not currently addressed in the EEA*, (it-Tieni parti tal-parir tekniku tas-CEBS lill-Kummissjoni Ewropea fuq il-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità – Analiżi ta' kwistjonijiet speċifiċi elenkati mill-Kummissjoni u sfidi li bħalissa mhumiex indirizzati fiż-ŻEE) 18.9.2008, CEBS 2008 147, disponibbli fil-websajt tas-CEBS f'www.c-ebs.org

([6]) Ara l-punt 14a ġdid tal-Anness V.

([7]) Ara l-punti 14 u 18 ġodda tal-Anness V u l-punt il-ġdid 1(e) tal-Anness XI.

11. Il-BĊE jinnota li, fil-parir tekniku riċenti tiegħu lill-Kummissjoni fuq il-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità ([1]), is-CEBS jirrakkomanda li s-superviżuri tal-gruppi transkonfinali għandhom jikkoordinaw ix-xogħol tagħhom mill-qrib, speċjalment permezz ta' skambji ta' informazzjoni mtejbin, u partikolarment fil-kulleġġi ta' superviżuri, biex jiġu mifhuma aħjar il-profili tar-riskju tal-likwidità u biex tiġi evitata d-duplikazzjoni mhux meħtieġa tal-ħtiġijiet. Meta jkun xieraq, is-CEBS tissuġġerixxi li s-superviżuri għandhom jikkunsidraw attivament li jiddelegaw lis-superviżuri tal-pajjiż oriġinali xogħlijiet relatati mas-superviżjoni tal-likwidità tal-friegħi. Fir-rigward tax-xogħol li għaddej fuq il-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità u prattiċi tal-konċessjonijiet tal-likwidità ([2]), il-BĊE jinnota li konsegwenza waħda tal-unjoni ekonomika u monetarja hija li l-Istat Membru tal-oriġini biss għandu jkun responsabbli għas-superviżjoni tal-likwidità tal-friegħi ta' istituzzjoni ta' kreditu ġewwa ż-żona tal-euro. Fil-kuntest ta' reviżjoni futura tad-Direttiva 2006/48/KE, għandha ssir distinzjoni bejn l-Istati Membri tal-oriġini u ospitanti li adottaw l-euro u dawk li m'għamlux hekk. Meta l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini jew ospitanti ikollhom valuta differenti, il-fergħa għandha tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet ta' likwidità tal-Istat Membru ospitanti. Iżda, ġewwa ż-żona tal-euro, din id-distinzjoni tilfet ir-rilevanza tagħha għall-friegħi billi għandhom l-istess karta tal-bilanċ bħall-uffiċċju ewlieni, fl-istess valuta, u m'għandhomx bżonn xi fondi jew kapital proprji. Barra minn dan, l-iskemi ta' depożitu-garanzija introdotti u rikonoxxuti uffiċjalment fi Stat Membru wieħed għandhom ikopru d-depożitanti fi friegħi mwaqqfa minn istituzzjonijiet ta' kreditu fi Stati Membri oħrajn.

12. Il-BĊE jirrakkomanda wkoll li jiġi emendat l-Artikolu 41 tad-Direttiva 2006/48/KE li japplika għar-responsabbiltà għall-miżuri li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-politika monetarja biex tiġi kkunsidrata l-eżistenza tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ).

*Skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni bejn il-banek ċentrali u l-awtoritajiet ta' superviżjoni (l-Artikolu ġdid propost 42a(2), l-Artikolu 49 u l-Artikolu 130(1) tad-Direttiva 2006/48/KE)*

13. Il-BĊE jappoġġa l-kjarifikazzjoni tal-obbligi eżistenti tal-qsim ta' koordinazzjoni u informazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' stabbiltà finanzjarja f'sitwazzjoni ta' emerġenza, inkluż żviluppi negattivi fis-swieq finanzjarji. Il-kjarifikazzjoni ta' obbligi eżistenti hija aċċettabbli ħafna fir-rigward tal-qsim tal-informazzjoni fuq gruppi bankarji speċifiċi bejn l-awtoritajiet superviżorji u l-banek ċentrali.

14. Il-BĊE jinnota li, filwaqt li d-Direttiva 2006/48/KE tipprovdi li l-awtoritajiet superviżorji m'għandhomx jiġu pprevenuti milli jittrażmettu informazzjoni lil banek ċentrali, inkluż il-BĊE ([3]), fil-ħidmiet tagħhom ([4]), id-direttiva proposta tipprovdi li, f'sitwazzjoni ta' emerġenza kif imsemmi fid-Direttiva 2006/48/KE ([5]), l-Istati Membri għandhom jippermettu 'l-awtoritajiet ta' superviżjoni li jikkommunikaw l-informazzjoni lill-banek ċentrali fil-Komunità. Kemm f'sitwazzjonijiet ta' "żminijiet normali" u f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, id-direttiva proposta tipprovdi li din il-komunikazzjoni ta' informazzjoni tapplika meta l-informazzjoni hija rilevanti għall-eżerċizzju tal-ħidmiet tal-banek ċentrali. Il-BĊE jilqa' dawn l-emendi, u b'mod partikolari l-introduzzjoni fid-Direttiva 2006/48/KE ta' referenza espressa għal lista mhux eżawrejnti ta' ħidmiet tal-banek ċentrali, inkluż it-tmexxija tal-politika monetarja, is-sorveljanza ta' sistemi ta' ħlas u s-sald (*settlement*) ta' titoli, u s-salvagwardja ta' stabbilità finanzjarja li għaliha din il-komunikazzjoni ta' informazzjoni tkun rilevanti. Il-BĊE jagħmel ukoll dawn iż-żewġ osservazzjonijiet. L-ewwel nett, filwaqt li l-lista ta' ħidmiet ta' hawn fuq tirreferi għal "sorveljanza tas-sistemi

([1]) *Second part of the CEBS's technical advice to the European Commission on liquidity risk management – Analysis of specific issues listed by the Commission and challenges not currently addressed in the EEA*, Recommendation 29, pp. 11 and 64-66 (it-Tieni parti tal-parir tekniku tas-CEBS lill-Kummissjoni Ewropea fuq il-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità – Analiżi ta' kwistjonijiet speċifiċi elenkati mill-Kummissjoni u sfidi li bħalissa mhumiex indirizzati fiż-ŻEE), 18.9.2008 CEBS 2008 147, Rakkomandazzjoni 29, paġni 11 u 64-66, disponibbli fil-websajt tas-CEBS f'www.c-ebs.org

([2]) Ara l-*Executive summary regarding work on delegation* (Sommarju eżekuttiv dwar xogħol fuq delegazzjoni), 3.9.2008 disponibbli fil-websajt tas-CEBS f'www.c-ebs.org

([3]) L-Artikolu 4(23) tad-Direttiva 2006/48/KE.

([4]) Ara l-Artikolu 49(a) tad-Direttiva 2006/48/KE u l-Artikolu 49(a) il-ġdid.

([5]) L-Artikolu 130(1)(i) ġdid.

ta' pagamenti u ta' sald tat-titolizzazzjonijiet" ([1]), ikun xieraq li tiżdied referenza għal "sistemi ta' kklerjar" u li dan il-kliem jituża konsistentement: "sistemi ta' pagament, ikklerjar u ta' sald tat-titolizzazzjonijiet" fid-Direttiva 2006/48/KE kollha. It-tieni nett, ir-referenza għal ħidmiet "statutorji" jimplika li dawn il-ħidmiet ngħataw mil-liġi. Billi, f'ċerti każijiet, il-funzjonijiet bħall-ħidma tal-istabbiltà finanzjarja tal-bank ċentrali jistgħu ma jiġux definiti bil-liġi, il-kelma "statutorja" għandha titħassar.

15. Il-BĊE jifhem li l-emendi proposti mhumiex intiżi biex jimmodifikaw il-qafas kurrenti għall-qsim ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji u l-banek ċentrali f'sitwazzjonijiet normali imma jridu li jtejbu iktar il-qsim ta' informazzjoni fost dawn l-awtoritajiet meta tinqala' sitwazzjoni ta' emerġenza. Il-BĊE jikkunsidra li huwa mixtieq li jkun hemm lok għal konverġenza ikbar tan-natura ta' dawn l-obbligi biex tiġi evitata assimetrija mhux mixtieqa fl-informazzjoni disponibbli għall-banek ċentrali f'ċirkustanzi normali u f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza ([2]). L-esperjenza tal-banek ċentrali tal-Eurosistema tissuġġerixxi li hemm sinerġiji sinjifikanti relatati mal-informazzjoni bejn il-banek ċentrali u l-funzjonijiet ta' sorveljanza prudenzjali. Dan jikkonferma l-ħtieġa biex tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn il-valutazzjonijiet tal-istabbiltà finanzjarja tal-banek ċentrali u s-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet finanzjarji individwali ([3]). Fil-prattika, kif diġà ġie indikat f'opinjonijiet preċedenti ([4]), is-superviżjoni ta' istituzzjonijiet individwali għandha tibbenefika mill-eżitu tal-valutazzjonijiet tal-istabbilità finanzjarja tal-banek ċentrali li min-naħa tagħhom għandhom jistrieħu wkoll fuq it-tagħrif ġej mis-superviżuri. Bħala eżempju, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkommunikaw regolarment f'ċirkustanzi normali ma' superviżuri u banek ċentrali oħrajn, kemm ġewwa kif ukoll bejn il-fruntieri, biex tiġi ffaċilitata kooperazzjoni effettiva fis-superviżjoni u s-sorveljanza tal-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità. Din il-komunikazzjoni għandha ssir regolarment matul il-ħinijiet normali, imma n-natura u l-frekwenza tal-qsim tal-informazzjoni għandhom jiġu adattati kif jixraq matul żminijiet ta' stress ([5]).

*Kulleġġ ta' supeviżuri (l-Artikoli 42a, 129 u 131a ġodda proposti)*

16. Il-BĊE jilqa' t-tisħiħ propost tal-bażi legali tal-kulleġġi ta' superviżuri ([6]). Dan huwa pass biex tintlaħaq l-konverġenza superviżorja u tiġi żgurata l-konsistenza fl-Istati Membri kollha. B'mod partikolari, il-BĊE jikkunsidra li l-użu ta' kulleġġi superviżorji jsaħħaħ il-kooperazzjoni fis-superviżjoni minn jum għal jum ta' banek traskonfinali, il-valutazzjoni tar-riskju ta' stabbiltà finanzjarja u l-koordinazzjoni tal-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi.

*Id-dimensjoni Komunitarja tal-mandat tal-awtoritjaiet ta' superviżjoni nazzjonali*

17. Il-BĊE jappoġġa bis-sħiħ l-għan riaffermat f'diversi okkażjonijiet mill-Ecofin li tittejjeb id-dimensjoni Komunitarja fil-mandat tas-superviżuri nazzjonali, kif rifless fid-direttiva proposta billi l-kwistjonijietta'

([1]) Ara wkoll it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 46(2) tad-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1).

([2]) Qabbel l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 49 tad-Direttiva 2006/48/KE mal-aħħar paragrafu ġdid propost tal-istess artikolu taħt id-direttiva proposta.

([3]) *Report of the Financial Stability Forum on Enhancing Market and Institutional Resilience* (Rapport tal-Forum tal-Istabbiltà Finanzjarja fuq it-Titjib tas-Saħħa tas-suq u Istituzzjonali), 7.4.2008, Rakkomandazzjoni V.8, paġni 42-43 li jispeċifika li "Superviżuri u banek ċentrali għandhom itejbu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni inkluż fil-valutazzjoni tar-riskji tal-istabbilità finanzjarja. L-iskambju ta' informazzjoni għandu jkun mgħaġġel matul perijodi ta' taqlib fis-suq". Disponibbli fuq il-*Financial Stability Forum* (Forum ta' Stabbiltà Finanzjarja) f'www.fsforum.org

([4]) Ara, pereżempju, il-paragrafu 2.4.1 tal-Opinjoni tal-BĊE CON/2007/33 tal-5 Novembru 2007 fuq talba tal-Ministeru Awstrijak tal-Finanzi fuq abbozz ta' liġi li temenda l-Liġi Bankarja, il-Liġi fuq banek tat-tifdil, il-Liġi fuq l-Awtorità Superviżorja tas-Suq Finanzjarju u l-Liġi fuq Oesterreichische Nationalbank u l-paragrafu 2.4.1 tal-Opinjoni tal-BĊE CON/2006/15 tad-9 ta' Marzu 2006 fuq talba tal-Ministru Pollakk tal-Finanzi fuq abbozz ta' liġi fuq is-sorveljanza ta' istituzzjonijiet finanzjarji. L-opinjonijiet tal-BĊE kollha huma disponibbli fil-websajt tal-BĊE f'www.ecb.europa.eu

([5]) Ara l-Prinċipju 17 fuq paġni 14-36 tal-*Principles for Sound Liquidity Risk Management and Supervision*, disponibbli fil-websajt tal-BIS f'www.bis.org. L-aspetti l-oħra dwar il-likwidità huma indirizzati fil-paragrafi 11 u 12 ta' din l-opinjoni.

([6]) Ara l-Artikolu 131a l-ġdid.

stabbiltà finanzjarja għandhom jiġu vvalutati fil-livell ta' bejn il-fruntieri [1]. F'dan il-kuntest, il-BĊE jilqa' d-dispożizzjonijiet dwar il-kunsiderazzjoni tal-impatt potenzjali ta' deċiżjoni fuq l-istabbiltà tas-sistemi finanzjarji fl-Istati Membri kollha kkonċernati. Għal raġunijiet ta' konsistenza, il-BĊE jissuġġerixxi li dejjem issir referenza għall-"impatt potenzjali" ta' deċiżjoni minflok tal-"effett" tagħha [2]. Il-BĊE huwa tal-fehma wkoll li, għall-implimentazzjoni prattika tad-dispożizzjonijiet imsemmijin hawn fuq, jistgħu jiġu kkunsidrati mekkaniżmi ta' konsultazzjoni ma' Stati Membri kkonċernati oħrajn simili għal dawk li hemm fid-direttivi oħrajn tas-settur finanzjarju meta l-kulleġġi ma jkunux jistgħu jintużaw għal dan l-iskop [3].

*It-titolizzazzjoni (Securitisation) (l-Artikolu 122a ġdid propost)*

18. L-għanijiet tal-miżuri proposti fuq rekwiżiti kapitali u ġestjoni ta' riskju għat-titolizzazzjoni [4] jinkludu b'mod partikolari: (i) id-dmir għall-finanzjaturi u/jew oriġinaturi li jżommu "interess ekonomiku materjali nett" [5] fit-tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni; (ii) ir-rekwiżiti għall-istituzzjonijiet ta' kreditu biex jifhmu aħjar ir-riskji meħudin bħala investituri fit-titolizzazzjonijiet; (iii) it-titjib ta' prattiċi ta' żvelar minn istituzzjonijiet ta' kreditu bħala oriġinaturi jew finanzjaturi; u (iv) it-tisħiħ ta' prattiċi superviżorji minn awtoritajiet kompetenti fir-rigward tat-titolizzzazzjoni. Il-BĊE jappoġġa ġeneralment l-introduzzjoni ta' dawn l-emendi proposti li għandhom l-għan li jallinjaw l-inċentivi fost il-parteċipanti fis-suq tat-titolizzazzjoni [6]. Fl-istess ħin, il-BĊE jenfasizza l-bżonn li jsir użu minn suq ta' titolizzazzjoni sekondarju li jaħdem tajjeb, likwidu u wiesa', partikolarment fir-rigward tal-eliġibbiltà ta' titoli sostnuti mill-assi bħala garanzija għal operazzjonijiet ta' politika monetarja.

L-ewwel nett, jekk din id-direttiva proposta tibqa' att tal-Livell 1, minkejja l-parir mogħti fil-paragrafi 2 sa 4 ta' din l-opinjoni, il-BĊE jenfasizza l-ħtieġa li (i) jiġi ċċarat l-iskop ta' applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet; (ii) jiġi ddefint "interess ekonomiku materjali nett"; u (iii) it-termini jintużaw b'mod konsistenti biex tiżdied il-konverġenza fl-implimentazzjoni tagħhom u biex jiġi evitat arbitraġġ regolatorju. Ħtiġijiet ta' diliġenza dovuta li jiddiferenzjaw bejn il-kotba tal-kummerċ u dawk li mhumiex tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, skont l-orizzonti ta' investiment rispettivi, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll biex jiġu evitati riperkussjonijiet potenzjalment negattivi f'attivitajiet tat-tiswir tas-suq.

It-tieni nett, il-BĊE jinnota li, filwaqt li ż-żamma ta' interess ekonomiku materjali jista', fit-teorija, ikun mod qawwi għall-allinjament ta' inċentivi, l-implimentazzjoni prattika tiegħu jista' joffri xi sfidi [7]. Għalhekk, il-BĊE jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fuq l-applikazzjoni u l-effettività tad-dispożizzjonijiet proposti fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq, kif ukoll jiġi kkunsidrat il-bżonn biex jerġa' jkun hemm il-funzjonament tas-swieq tat-titolizzazzjoni. Barra minn dan, il-BĊE jieħu nota ta' din il-premessa proposta mill-Kunsill dwar il-miżuri biex jiġi indirizat in-nuqqas ta' allinjament tal-istrutturi tat-titolizzazzjoni u l-bżonn biex tiġi żgurata l-konsistenza u l-koerenza fir-regolamenti kollha rilevanti fis-settur finanzjarju [8].

---

(1) Ara l-konklużjonijiet ta' Ecofin tas-7 ta' Ottubru 2008, p. 17, disponibbli fil-websajt tal-Kunsill Ewropew f'www.consilium.europa.eu

(2) Qabbel il-premessa 6 tad-direttiva proposta mal-Artikolu 40(3) ġdid u t-tielet sentenza tal-punt 1a ġdid tal-Anness XI.

(3) Ara, pereżempju, l-Artikolu 132(3) tad-Direttiva 2006/48/KE u l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti ta' l-investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1).

(4) Ara l-Artikolu 122a l-ġdid.

(5) Kif imsemmi fl-Artikolu 122a(1) il-ġdid.

(6) Il-BĊE huwa konxju li dan l-artikolu l-ġdid tad-direttiva proposta kien suġġett għal iktar emendi fil-grupp ta' ħidma tal-Kunsill.

(7) Ara l-analiżi ppreżentata fir-rapport tal-BĊE fuq *The incentive structure of the "originate and distribute model"*, Diċembru 2008, disponibbli fil-websajt f'www.ecb.europa.eu

(8) Ara l-premessa 15 proposta, l-aħħar sentenza tal-approċċ ġenerali miftiehem mill-Kunsill fid-19 ta' Novembru 2008 (disponibbli fi: http://register.consilium.europa.eu/pdf/en/08/st16/st16216.en08.pdf) li jipprovdi wkoll li l-Kummissjoni fihsiebha tressaq il-proposti leġiżlattivi xierqa, wara li jiġi kkunsidrat kif dovut l-impatt tal-miżuri proposti.

It-tielet nett, il-BĊE jara l-vantaġġ ta' reviżjoni ġenerali tat-terminoloġija tat-titolizzazzjoni użata kemm fid-Direttiva 2006/48/KE u fid-direttiva proposta biex tiġi allinjata iktar mill-qrib mat-terminoloġija legali tas-soltu u biex tiġi żgurata aktar ċertezza legali [1].

Fl-aħħar nett, għandha tiġi investigata l-interazzjoni tal-ħtieġa ta' żamma ta' interess ekonomiku materjali nett mar-rekwiżiti tal-kontabbiltà [2]. F'dan il-kuntest, il-BĊE jara l-mertu fl-iżvilupp ta' gwida mill-*International Accounting Standards Board* (IASB) fuq *International Financial Reporting Standards* (IFRS) 39 [3] u l-ħarġa Nru 12 [4] tal-i*Standing Interpretation Committee* (SIC) tal-IASB biex jiġi indirizzat l-impatt potenzjali tad-dispożizzjonijiet relatati mat-titolizzazzjoni tad-direttiva proposta fuq regoli ta' tneħħija mill-karti tal-bilanċ ta' titolizzazzjonijiet (*dereognition*) u konsolidazzjoni.

**Osservazzjoni legali u tekniċi addizzjonali**

19. Meta ssir referenza għall-BĊE, il-SEBĊ u l-banek ċentrali nazzjonali tas-SEBĊ, il-BĊE jirrakkomanda l-użu ta' kliem konsistenti mad-dispożizzjonijiet tat-Trattat u l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (minn issa 'l quddiem l-"Istatut SEBĊ") biex ma jiġux ikkonsolidati kunċetti antikwati u biex jiġi ffaċilitat il-qari tad-Direttiva.

20. Id-Direttiva 2006/48/KE hija kkaratterizzata minn numru ta' referenzi f'sensiela jew ċirkolari li jaffettwaw iċ-ċarezza tagħha u kemm tinftiehem [5]. Barra minn hekk, numru ta' referenzi mhumiex ifformulati "b'mod li l-element ċentrali tad-dispożizzjoni li ssir referenza għaliha jkun jista' jinftiehem mingħajr konsultazzjoni tad-dispożizzjoni kkonċernata". [6] Din il-prattika infeliċi qed tiġi segwita fid-direttiva proposta [7]. Il-BĊE jirrakkomanda, anki għaċ-ċarezza legali u t-trasparenza, li dawn id-dispożizzjonijiet jerġgħu jiġu abbozzati biex ikun possibbli li jinqraw u jinftehmu mingħajr ma jiġu kkonsultati dispożizzjonijiet oħra varji tad-Direttiva 2006/48/KE.

21. Id-Direttiva 2006/48/KE tirreferi għal "awtoritajiet pubbliċi oħrajn responsabbli għas-superviżjoni ta' sistemi ta' ħlas" [8]. Il-BĊE innota konsistentement f'diversi okkażjonijiet li l-Artikolu 105(2) tat-Trattat u l-Artikolu 3.1 tal-Istatut tas-SEBĊ jipprovdu l-bażi legali għall-attivitajiet ta' superviżjoni tal-Eurosistema u li, barra minn dan, il-kompetenza ta' sorveljanza tal-Eurosistema tirriżuta mill-Artikolu 22 tal-Istatut tal-SEBĊ [9]. Il-BĊE jikkunsidra li l-Artikolu 105(2) tat-Trattat u l-Artikolu 3.1 tal-Istatut tal-SEBĊ jeskludu l-interferenza fil-kompetenza tas-sorveljanza tal-Eurosistema minn kull korp tal-Komunitàjew

(1) Għal deskrizzjoni qasira tal-liġijiet nazzjonali applikabbli għat-titolizzazzjoni fil-15-il Stat Membru, ara r-rapport mill-*European Financial Markets Lawyers Group* (EFMLG) fuq ostakoli legali għat-titolizzazzjonijiet transkonfinali fl-UE, 7.5.2007, disponibbli fil-websajt tal-EFMLG f'www.efmlg.org

(2) Rapport tal-BĊE fuq Strutturi Bankarji tal-UE, p. 24.

(3) "*Financial Instruments*: *Recognition and Measurement*" (Strumenti Finanzjarji: Rikonoxximent u Kejl), irrilaxxat f'Diċembru 2003.

(4) "*Consolidation – Special Purpose Entities*" ("Konsolidazzjoni – Entitajiet bi Skop Speċjali").

(5) Ara l-*Gwida Prattika Komuni* u partikolarment ir-Rakkomandazzjoni 16, disponibbli fil-websajt Europa f'www.europa.eu

(6) Rakkomandazzjoni 16.7 tal-*Gwida Prattika Komuni*, disponibbli fil-websajt Europa f'www.europa.eu

(7) Ara, pereżempju, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 129(2) tad-Direttiva 2006/48/KE u l-Artikolu 129(1)(b).

(8) L-Artikolu 49(b) tad-Direttiva 2006/48/KE.

(9) Ara, pereżempju, il-paragrafu 7 tal-Opinjoni tal-BĊE CON/99/19 tal-20 ta' Jannar 2000 fuq talba tal-Ministeru tal-Lussemburgu għat-Teżor u l-Baġit fuq abbozz ta' proposta leġiżlattiva li timplimenta d-Direttiva 98/26/KE dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli fil-liġi tal-5 ta' April 1993, kif emendata, li tirrigwarda s-settur finanzjarju u li tikkomplimenta l-liġi tat-23 ta' Diċembru 1998 li toħloq kummissjoni inkarigata mis-sorveljanza prudenzjali tas-settur finanzjarju u, aktar riċenti, il-paragrafu 7.2 tal-Opinjoni tal-BĊE CON/2006/23 tat-22 ta' Mejju 2006 fuq talba tal-Bank Ċentrali ta' Malta dwar abbozz ta' liġi li jemenda l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta.

nazzjonali ħlief għal bank ċentrali li jaġixxi fil-qafas tas-SEBĊ/Eurosistema (1). F'dan l-isfond, skont il-pożizzjoni meħuda f'leġiżlazzjoni Komunitarja oħra (2), il-BĊE jirrakkomanda li dik ir-referenza titħassar (3).

22. L-attivitajiet tal-ikklerjar, tas-sald u tal-kustodja jiġġeneraw tip speċifiku ta' skopertura li m'għandhiex tiġi ttrattata b'mod simili għall-iskoperturi li jirriżultaw mis-soltu attivitajiet ta' self interbankarju. Ir-raġunijiet ewlenin huma li dawn l-iskoperturi huma ta' maturità b'terminu qasir ħafna billi solitament huma mil-lum għall-għada u mhumiex fil-kontroll tal-istituzzjonijiet ikkonċernati billi dawn l-iskoperturi huma fil-biċċa l-kbira r-riżultat ta' attività tal-klijienti. Għalkemm għandu jkun hemm miżuri adegwati ta' mitigazzjoni u ta' monitoraġġ biex jiġu indirizzati r-riskji potenzjali assoċjati ma' dawn l-attivitajiet, il-BĊE jappoġġa l-eżenzjoni f'dan is-sens introdotta fid-direttiva proposta (4). Il-proposti tal-abbozzar jidhru fl-Anness biex din l-eżenzjoni tiġi kkjarifikata iktar.

**Proposti tal-abbozzar**

Fejn il-pariri ta' hawn fuq iwasslu għal tibdil fid-direttiva proposta, il-proposti tal-abbozzar jidhru fl-Anness.

Magħmula fi Frankfurt am Main, tal-5 ta' Marzu 2009.

*Il-President tal-BĊE*

Jean Claude TRICHET

---

(1) Il-BĊE nnota wkoll f'opinjonijiet riċenti fuq abbozzi ta' liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri barra ż-żona tal-euro li l-banek ċentrali tal-Eurosistema jwettqu s-sorveljanza ta' sistemi ta' ħlas skont il-politika ta' sorveljanza komuni ddefinita mill-Kunsill Governattiv, li japplika wkoll għall-banek ċentrali oħrajn wara l-adozzjoni tal-euro mill-Istat Membru inkwistjoni (ara, pereżempju, il-paragrafi 13 sa 16 tal-Opinjoni tal-BĊE CON/2005/24 tal-15 ta' Lulju 2005 fuq talba tal-Ministeru tal-Finanzi tar-Repubblika Ċeka fuq abbozz ta' liġi fuq l-integrazzjoni ta' superviżuri tas-suq finanzjarju u, iktar ricenti, il-paragrafi 3.9 u 3.10 tal-Opinjoni tal-BĊE CON/2008/83 tat-2 ta' Diċembru 2008 fuq talba tal-Ministeru tal-Finanzi Ungeriż fuq abbozz ta' liġi li jemenda l-Liġi fuq il-Magyar Nemzeti Bank. Barra minn hekk, Stati Membri oħrajn barra ż-żona tal-euro emendaw il-liġijiet rispettivi tagħhom. Bħalissa, fir-Renju Unit, il-Bank of England jissorvelja s-sistemi ta' ħlas fuq bażi mhux statutorja. Parti 5 tal-Abbozz Bankarju li bħalissa qiegħed fil-parlament Britanniku (disponibbli fil-websajt tal-Parlament tar-Renju Unit f'www.parliament.uk, p. 87) għandu jifformalizza r-rwol tal-Bank of England fis-sorveljanza ta' sistemi ta' ħlas.

(2) Ara, l-paragrafu 14 tal-Opinjoni tal-BĊE CON/2001/25 tat-13 ta' Settembru 2001 fuq talba tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fuq proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq is-superviżjoni supplimentari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi ta' assigurazzjoni u ditti ta' investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (ĠU C 271, 26.9.2001, p. 10).

(3) Inkluż fil-premessa 26 tad-Direttiva 2006/48/KE.

(4) Artikolu 106(2)(c) ġdid.

*ANNESS*

## PROPOSTI TAL-ABBOZZAR

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE (1) |
|---|---|

***Emenda 1***

Premessa 6 tad-direttiva proposta

| | |
|---|---|
| 6. Il-mandati tal-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu dimensjoni Komunitarja. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-effett tad-deċiżjonijiet tagħhom fuq l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Istati Membri l-oħrajn kollha. | 6. Il-mandati tal-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu dimensjoni Komunitarja. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu ~~l-effett~~ **l-impatt potenzjali** tad-deċiżjonijiet tagħhom fuq l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja fl-Istati Membri l-oħrajn kollha. |

*Ġustifikazzjoni – Ara l-paragrafu 17 tal-opinjoni*

***Emenda 2***

Emenda għad-Direttiva 2006/48/KE, Artikolu 4(23)

| | |
|---|---|
| *Artikolu 4*<br>23. "banek ċentrali" jinkludu l-Bank Ċentrali Ewropew ħlief meta jiġi indikat mod ieħor;<br>[L-ebda emenda fid-direttiva proposta] | *Artikolu 4*<br>23. "banek ċentrali" jinkludu **l-banek ċentrali nazzjonali tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u** l-Bank Ċentrali Ewropew ħlief meta jiġi indikat mod ieħor |

*Ġustifikazzjoni – Ara l-paragrafu 19 tal-opinjoni*

***Emenda 3***

Emenda għad-Direttiva 2006/48/KE, Artikolu 41

| | |
|---|---|
| *Artikolu 41*<br>Stati Membri ospitanti għandhom, sakemm ikun hemm koordinament ikbar, iżommu r-responsabbiltà f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini għas-superviżjoni tal-likwidità tal-fergħi tal-istituzzjoni ta' kreditu.<br>Mingħajr preġudizzju għall-miżuri meħtieġa għat-tisħiħ tas-Sistema Monetarja Ewropea, l-Istati Membri ospitanti għandhom iżommu r-responsabbiltà sħiħa għall-miżuri li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-politika monetarja tagħhom.<br>[L-ebda emenda fid-direttiva proposta] | *Artikolu 41*<br>Stati Membri ospitanti għandhom, sakemm ikun hemm koordinament ikbar, iżommu r-responsabbiltà f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini għas-superviżjoni tal-likwidità tal-fergħi tal-istituzzjoni ta' kreditu.<br>~~Mingħajr preġudizzju għall-miżuri meħtieġa għat-tisħiħ tas-Sistema Monetarja Ewropea~~, **Is-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u, meta jkun applikabbli**, l-Istati Membri ospitanti għandhom iżommu r-responsabbiltà sħiħa għall-miżuri li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-politika monetarja tagħhom. |

*Ġustifikazzjoni – Ara l-paragrafu 11 u 12 tal-opinjoni*

***Emenda 4***

Artikolu 1(4) tad-direttiva proposta

Emenda għad-Direttiva 2006/48/KE, Artikolu 42a(2)

| | |
|---|---|
| *Artikolu 42a*<br>2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini għandhom jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ospitanti li fih tkun ġiet stabbilita fergħa li hi sistemikament rilevanti t-tagħrif imsemmi fl-Artikolu 132(1)(c) u (d) u jwettqu l-ħidmiet imsemmijin fl-Artikolu 129(1)(c) f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti. | *Artikolu 42a*<br>2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-oriġini għandhom jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ospitanti li fih tkun ġiet stabbilita fergħa li hi sistemikament rilevanti t-tagħrif imsemmi fl-Artikolu 132(1)(c) u (d) u jwettqu l-ħidmiet imsemmijin fl-Artikolu 129(1)(c) f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti. |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|
| Jekk awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-oriġini ssir konxja ta' sitwazzjoni ta' emerġenza f'istituzzjoni tal-kreditu kif imsemmi fl-Artikolu 130(1), din għandha twissi mill-aktar fis prattikabbli lill-awtoritajiet imsemmija fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 49 u fl-Artikolu 50. | Jekk awtorità kompetenti ta' Stat Membru tal-oriġini ssir konxja ta' sitwazzjoni ta' emerġenza f'istituzzjoni tal-kreditu kif imsemmi fl-Artikolu 130(1), din għandha twissi mill-aktar fis prattikabbli lill-**banek ċentrali tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u** lill-awtoritajiet imsemmija ~~fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 49 u~~ fl-Artikolu 50. |

*Ġustifikazzjoni — Ara l-paragrafu 19 tal-opinjoni*

***Emenda 5***

Artikolu 1(6) tad-direttiva proposta

Emenda għad-Direttiva 2006/48/KE, Artikolu 49

| | |
|---|---|
| *Artikolu 49*<br><br>Din it-Taqsima m'għandhiex tipprevjeni awtorità kompetenti milli tittrażmetti informazzjoni lil dawn għall-isko tal-ħidmiet tagħhom:<br><br>“(a) il-banek ċentrali u entitajiet oħra li għandhom funzjoni simili fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet monetarji meta dan it-tagħrif ikun rilevanti għat-twettiq tal-ħidmiet statutorji rispettivi tagħhom, inkluż l-imġiba tal-politika monetarja, is-sorveljanza tas-sistemi ta' pagamenti u ta' sald tat-titolizzazzjonijiet, u l-ħarsien tal-istabbiltà finanzjarja; u”<br><br>(b) meta jkun xieraq, lil awtortitajiet pubbliċi oħrajn responsabbli għas-sorveljanza tas-sistemi ta' ħlas.<br><br>Din it-Taqsima ma tipprevjenix lil dawn l-awtortiajiet jew korpi milli jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni li jista' jkollhom bżonn għall-finijiet tal-Artikolu 45.<br><br>…<br><br>“F'sitwazzjoni ta' emerġenza kif imsemmi fl-Artikolu 130(1), l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jikkomunikaw tagħrif lil banek ċentrali fil-Komunità f'każ fejn din l-informazzjoni tkun rilevanti għat-twettiq tal-ħidmiet statutorji rispettivi tagħhom, inkluż l-imġiba tal-politika monetarja, is-sorveljanza tas-sistemi ta' pagamenti u ta' sald tat-titolizzazzjonijiet, u l-ħarsien tal-istabbiltà finanzjarja.” | *Artikolu 49*<br><br>Din it-Taqsima m'għandhiex tipprevjeni awtorità kompetenti milli tittrażmetti informazzjoni lil ~~dawn għall-iskop tal-ħidmiet tagħhom~~:<br><br>“(a) ~~(a)~~ il-banek ċentrali u entitajiet oħra li għandhom funzjoni simili fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet monetarji meta dan it-tagħrif ikun rilevanti għat-twettiq tal-ħidmiet ~~statutorji~~ rispettivi tagħhom, inkluż l-imġiba tal-politika monetarja, is-sorveljanza tas-sistemi ta' pagamenti, **ikklerjar** u ta' sald tat-titolizzazzjonijiet, u l-ħarsien tal-istabbiltà finanzjarja~~; u~~”<br><br>~~“(a) (a) il-banek ċentrali u entitajiet oħra li għandhom funzjoni simili fil-kapaċità tagħhom bħala awtoritajiet monetarji meta dan it-tagħrif ikun rilevanti għat-twettiq tal-ħidmiet statutorji rispettivi tagħhom, inkluż l-imġiba tal-politika monetarja, is-sorveljanza tas-sistemi ta' pagamenti,~~ ~~**ikklerjar**~~ ~~u ta' sald tat-titolizzazzjonijiet, u l-ħarsien tal-istabbiltà finanzjarja; u”~~<br><br>Din it-Taqsima ma tipprevjenix lil dawn l-awtortiajiet jew korpi milli jikkomunikaw lill-awtoritajiet kompetenti l-informazzjoni li jista' jkollhom bżonn għall-finijiet tal-Artikolu 45.<br><br>…<br><br>“F'sitwazzjoni ta' emerġenza kif imsemmi fl-Artikolu 130(1), l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jikkomunikaw tagħrif lil banek ċentrali fil-Komunità f'każ fejn din l-informazzjoni tkun rilevanti għat-twettiq tal-ħidmiet statutorji rispettivi tagħhom, inkluż l-imġiba tal-politika monetarja, is-sorveljanza tas-sistemi ta' pagamenti u ta' sald tat-titolizzazzjonijiet, u l-ħarsien tal-istabbiltà finanzjarja.” |

*Ġustifikazzjoni — Ara l-paragrafu 14 u 19 u 21 tal-opinjoni*

***Emenda 6***

Artikolu 1(16)(a) tad-direttiva proposta

Emenda għad-Direttiva 2006/48/KE, Artikolu 106(2)(c)

| | |
|---|---|
| *Artikolu 106*<br><br>2. L-iskoperturi ma għandhom jinkludu l-ebda element minn dawn li ġejjin:<br><br>...<br><br>(c) fil-każ tal-forniment ta' servizzi ta' trasferiment ta' flus jew ta' servizzi ta' kklerjar u sald tat-titolizzazzjonijiet lill-klijenti, irċevuti tard f'każ ta' finazjament u skoperturi oħrajn li jinbtu minn attività min-naħa tal-klijent, li ma jdumux aktar mill-jum tan-negozju li jkun imiss. | *Artikolu 106*<br><br>2. L-iskoperturi ma għandhom jinkludu l-ebda element minn dawn li ġejjin:<br><br>...<br><br>(c) fil-każ tal-forniment ta' servizzi ta' trasferiment ta' flus jew ta' servizzi ta' kklerjar ~~u~~ **ta' strumenti finanzjarji, sald tat-titolizzazzjonijiet u kustodja** lill-klijenti, irċevuti tard f'każ ta' finazjament u skoperturi oħrajn li jinbtu minn attività min-naħa tal-klijent, li ma jdumux aktar mill-jum tan-negozju li jkun imiss. |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emendi proposti mill-BĊE [1] |
|---|---|

*Ġustifikazzjoni – Ara l-paragrafu 22 tal-opinjoni*

***Emenda 7***

Artikolu 1(21)(d) tad-direttiva proposta

Emenda għad-Direttiva 2006/48/KE, Artikolu 113(4)

| | |
|---|---|
| *Artikolu 113* | *Artikolu 113* |
| 4. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw l-iskoperturi li ġejjin għal kollox jew b'mod parzjali mill-applikazzjoni tal-Artikolu 111(1): | 4. L-Istati Membri jistgħu jeżentaw l-iskoperturi li ġejjin għal kollox jew b'mod parzjali mill-applikazzjoni tal-Artikolu 111(1): |
| … | … |
| f) elementi tal-assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq istituzzjonijiet, u skoperturi oħra għal istituzzjonijiet, dejjem jekk dawk l-iskoperturi ma jikkostitwixxux il-fondi proprji tat-tali istituzzjonijiet, ma jdumux aktar milljum tan-negozju li jkun imiss u jkunu fil-munita tal-Istat Membru li jkun qed jeżerċita din l-għażla, dejjem jekk din il-munita ma tkunx l-euro. | f) elementi tal-assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq istituzzjonijiet, u skoperturi oħra għal istituzzjonijiet, dejjem jekk dawk l-iskoperturi ma jikkostitwixxux il-fondi proprji tat-tali istituzzjonijiet u ma jdumux aktar **minn sebat** ijem tan-negozju ~~li jkun imiss u jkunu fil-munita tal-Istat Membru li jkun qed jeżerċita din l-għażla, dejjem jekk din il-munita ma tkunx l-euro~~. |

*Ġustifikazzjoni – Ara l-paragrafi 6 u 9 tal-opinjoni*

***Emenda 8***

Artikolu 1(29) tad-direttiva proposta

Emenda għad-Direttiva 2006/48/KE, Artikolu 130(1)

| | |
|---|---|
| *Artikolu 130* | *Artikolu 130* |
| 1. Meta tinħoloq sitwazzjoni ta' emerġenza, inklużi żviluppi negattivi fis-swieq finanzjarji, li potenzjalment tqiegħed fil-periklu l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri fejn entitajiet ta' grupp ikunu ġew awtorizzati jew fejn ikunu stabbiliti fergħat sistemikament rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 42a, is-superviżur ta' konsolidazzjoni għandu, suġġett għat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1, iwissi, mill-aktar fis prattikabbli, lill-awtoritajiet imsemmija fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 49 u fl-Artikolu 50, u għandu jikkomunika t-tagħrif kollu li hu essenzjali għalihom biex iwettqu xogħolhom. ~~Dawn l-obbligi~~ għandhom japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti kollha skont l-Artikoli 125 u 126 u għall-awtorità kompetenti identifikata fl-Artikolu 129(1).<br><br>Jekk l-awtorità msemmija fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 49 issir konxja ta' sitwazzjoni deskritta fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, din għandha twissi, mill-aktar fis prattikabbli, lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikoli 125 u 126. | 1. Meta tinħoloq sitwazzjoni ta' emerġenza, inklużi żviluppi negattivi fis-swieq finanzjarji, li potenzjalment tqiegħed fil-periklu l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja ta' kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri fejn entitajiet ta' grupp ikunu ġew awtorizzati jew fejn ikunu stabbiliti fergħat sistemikament rilevanti kif imsemmi fl-Artikolu 42a, is-superviżur ta' konsolidazzjoni għandu, suġġett għat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1, iwissi, mill-aktar fis prattikabbli, **lill-banek Ċentrali tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u** lill-awtoritajiet imsemmija ~~fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 49 u~~ fl-Artikolu 50, u għandu jikkomunika t-tagħrif kollu li hu essenzjali għalihom biex iwettqu xogħolhom. **Dawn l-obbligi** għandhom japplikaw għall-awtoritajiet kompetenti kollha skont l-Artikoli 125 u 126 u għall-awtorità kompetenti identifikata fl-Artikolu 129(1).<br><br>Jekk **bank ċentrali tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali** ~~l-awtorità msemmija fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 49~~ issir konxja ta' sitwazzjoni deskritta fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, din għandha twissi, mill-aktar fis prattikabbli, lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikoli 125 u 126. |

| **Test propost mill-Kummissjoni** | **Emendi proposti mill-BĊE** ([1]) |
|---|---|
| Meta jkun possibbli, l-awtorità kompetenti u l-awtorità msemmija fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 49 għandhom jużaw kanali ta' komunikazzjoni ddefiniti eżistenti. | Meta jkun possibbli, l-awtoritajiet~~à~~ kompetenti u **banek ċentrali tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali** ~~l-awtorità msemmija fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 49~~ għandhom jużaw kanali ta' komunikazzjoni ddefiniti eżistenti. |

*Ġustifikazzjoni – Ara l-paragrafu 19 tal-opinjoni*

([1]) Il-korp tat-test ingassat (*strikethrough*) jindika fejn il-BĊE jipproponi li jitħassar test. Il-grassett fit-test jindika fejn il-BĊE jipproponi li jdaħħal test ġdid.

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET U KORPI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI

## Rata tal-kambju tal-euro (1)

**Il-21 ta' April 2009**

(2009/C 93/04)

**1 euro =**

| | Munita | Rata tal-kambju | | Munita | Rata tal-kambju |
|---|---|---|---|---|---|
| USD | Dollaru Amerikan | 1,2932 | AUD | Dollaru Awstraljan | 1,8509 |
| JPY | Yen Ġappuniż | 126,82 | CAD | Dollaru Kanadiż | 1,6051 |
| DKK | Krona Daniża | 7,4492 | HKD | Dollaru ta' Hong Kong | 10,0223 |
| GBP | Lira Sterlina | 0,88860 | NZD | Dollaru tan-New Zealand | 2,3347 |
| SEK | Krona Żvediża | 11,1760 | SGD | Dollaru tas-Singapor | 1,9493 |
| CHF | Frank Żvizzeru | 1,5114 | KRW | Won tal-Korea t'Isfel | 1 744,00 |
| ISK | Krona Iżlandiża | | ZAR | Rand ta' l-Afrika t'Isfel | 11,8312 |
| NOK | Krona Norveġiża | 8,7940 | CNY | Yuan ren-min-bi Ċiniż | 8,8354 |
| BGN | Lev Bulgaru | 1,9558 | HRK | Kuna Kroata | 7,3839 |
| CZK | Krona Ċeka | 27,035 | IDR | Rupiah Indoneżjan | 14 063,55 |
| EEK | Krona Estona | 15,6466 | MYR | Ringgit Malażjan | 4,7131 |
| HUF | Forint Ungeriż | 300,35 | PHP | Peso Filippin | 62,700 |
| LTL | Litas Litwan | 3,4528 | RUB | Rouble Russu | 44,1807 |
| LVL | Lats Latvjan | 0,7093 | THB | Baht Tajlandiż | 45,986 |
| PLN | Zloty Pollakk | 4,4177 | BRL | Real Brażiljan | 2,9052 |
| RON | Leu Rumen | 4,2438 | MXN | Peso Messikan | 17,3677 |
| TRY | Lira Turka | 2,1511 | INR | Rupi Indjan | 65,2710 |

(1) *Sors*: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri dwar għajnuna mill-Istat skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1857/2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-għajnuna mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju fil-produzzjoni tal-prodotti agrikoli u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 70/2001

(2009/C 93/05)

**In-Numru tal-Għajnuna:** XA 432/08

**L-Istat Membru:** Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

**Titlu tal-iskema tal-għajnuna:** Landwirtschaft – Nachhaltigkeit

**Il-bażi legali:**

Gesetz über die Landeskreditbank Baden-Württemberg – Förderbank vom 11.11.1998 (Gesetz für Baden-Württemberg (GBl.) vom 18.11.1998, S. 581), zuletzt geändert durch Gesetz vom 11.12.2007 (GBl. vom 14.12.2007, S. 581) in Verbindung mit dem Programmmerkblatt Landwirtschaft – Nachhaltigkeit

**In-nefqa annwali ppjanata skont l-iskema jew l-ammont totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:** Għandu jingħata self b'rati baxxi tal-interess. Il-valur mistenni tas-self tal-għajnuna huwa € 500,000. Il-kontribuzzjoni tal-assistenza qed tiġi pprovduta mill-Landwirtschaftliche Rentenbank; l-"L-Bank" ma huwiex qiegħed jipprovdi l-kontribuzzjoni tiegħu stess għall-assistenza.

**Intesità massima tal-għajnuna:** Mhux aktar minn 20 % tal-ispejjeż eliġibbli. L-ammont massimu tal-għajnuna mogħti lill-impriża individwali ma jistax jaqbeż l-€ 400,000 fi kwalunkwe perjodu tat-tliet snin tal-kummerċ. Fil-każ ta' akkumulazzjoni ma' fondi oħra pubbliċi li għandhom x'jaqsmu mal-istess spejjeż eliġibbli, għandu jkun hemm konformità mal-valuri tal-limitu stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1857/2006.

**Id-data tal-implimentazzjoni:** Skont il-limitu taż-żmien stipulat fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006, iżda mhux qabel it-2 ta' Jannar 2009.

**It-tul ta' żmien tal-iskema:** Sat-30 ta' Ġunju 2014.

**L-għan tal-għajnuna:** Sabiex tassisti lill-SMEs attivi fil-produzzjoni primarja tal-prodotti agrikoli skont l-Anness I tat-Trattat tal-KE (barra mill-industriji tas-sajd u l-akwakultura) billi tappoġġja l-investiment fil-produzzjoni agrikola primarja. Investiment sabiex jiġi ppreservat u mtejjeb l-ambjent naturali, jew sabiex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-iġjene jew l-istandards tal-kwalità tal-ħajja tal-annimali. Investiment sabiex titjieb il-kwalità tal-produzzjoni (Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006). L-iżpejjeż eliġibbli jinkludu (a) il-kostruzzjoni, l-akkwist jew l-modernizzazzjoni tal-proprjetà immobbli; (b) ix-xiri jew ix-xiri b'rati tal-makkinarju u t-tagħmir, inkluż is-software tal-kompjuter, sal-valur tas-suq tal-oġġett; jew (c) spejjeż ġenerali li għandhom x'jaqsmu man-nefqa skont il-punti (a) u (b), bħall-miżati tal-periti, l-inġiniera u tal-konsulenti, u l-istudji tal-fattibbiltà. Hemm garanzija li l-għajnuna mhijiex se tingħata b'kontravenzjoni ta' kwalunkwe projbizzjoni jew restrizzjoni stipulata fir-Regolamenti tal-Kunsill li jistabbilixxu l-organizzazzjonijiet komuni tas-suq, anke meta projbizzjonijiet u restrizzjonijiet bħal dawn jirreferu biss għall-appoġġ tal-Komunità.

**Is-settur(i) kkonċernat(i):** L-agrikoltura, il-vitikultura, l-ortikultura.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Landeskreditbank Baden–Württemberg – Förderbank
Postfach 10 29 43
70025 Stuttgart
DEUTSCHLAND

**Sit elettroniku:**

www.l-bank.de/landwirtschaft-nachhaltigkeit

**Tagħrif ieħor:** —

**Numru XA:** XA 435/08

**Stat Membru:** Spanja.

**Reġjun:** Castilla y León (provincia de Salamanca).

**Titlu tal-iskema ta' għajnuna jew isem il-kumpanija li titċievi l-għajnuna individwali:** Subvenciones dirigidas a las Denominaciones de Origen, Indicaciones Geográficas Protegidas, Asociaciones con Marca de Garantía, Asociaciones de Vinos de Calidad Producidos en Región Determinada de la provincia de Salamanca y a las entidades asociativas que promuevan el reconocimiento de alguna de estas figuras de calidad, anualidad 2009.

**Bażi ġuridika:**

Proyecto de bases reguladoras de la convocatoria de subvenciones dirigidas a a las Denominaciones de Origen, Indicaciones Geográficas Protegidas, Asociaciones con Marca de Garantía, Asociaciones de Vinos de Calidad Producidos en Región Determinada de la provincia de Salamanca y a las entidades asociativas que promuevan el reconocimiento de alguna de estas figuras de calidad, anualidad 2009.

**Nefqa annwali ppjanata skont l-iskema jew ammont kumplessiv tal-għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:** In-nefqa ppjanata għall-iskema ta' għajnuna għall-2009 hija ta' EUR 60 000 (sittin elf euro).

**Intensità massima tal-għajnuna:** L-ammont massimu tas-sussidju ma għandux jaqbeż il-50 % jew is-70 % tan-nefqa eliġibbli, skont il-każ, b'limitu ta' EUR 12 000 għal kull applikant.

**Data tal-implimentazzjoni:** Mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru ta' reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fuq il-websajt tad-Direttorat Ġenerali tal-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-iskema jew tal-għoti tal-għajnuna individwali:** Sal-31 ta' Diċembru 2009.

**Għan tal-għajnuna:** L-għan ta' dan is-sussidju huwa t-tħeġġiġ tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli ta' kwalità fil-provinċja ta' Salamanca li jkollhom Denominazzjoni ta' Oriġini, Indikazzjoni Ġeografika Protetta, Marka ta' Garanzija, jew li jkollhom status ta' Nbejjed ta' Kwalità Prodotti f'Reġjun Speċifiku.

Din l-iskema ta' għajnuna taqa' fl-ambitu tal-Artikoli 14 u 15 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1857/2006 tal-15 ta' Diċembru 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju għall-produzzjoni agrikola.

L-attivitajiet li jiġu kkunsidrati bħala eliġibbli huma dawk relatati mal-parteċipazzjoni f'fieri organizzati mill-Gvern Lokali (Diputación) jew fieri agroalimentari li fihom jipparteċipa l-Gvern Lokali ta' Salamanca, it-twettiq ta' studji li jippromwovu r-rikonoxximent ta' marka ta' kwalità jew it-titjib tal-kwalità ta' prodotti li jkollhom marka ta' kwalità, u l-attivitajiet ta' promozzjoni tal-kwalità alimentari.

L-ispejjeż li ġejjin jitqiesu eliġibbli għall-għajnuna:

A) Għall-parteċipazzjoni fil-fieri organizzati mill-Gvern Lokali jew il-fieri agroalimentari li fihom jipparteċipa l-Gvern Lokali ta' Salamanca, l-ispejjeż relatati ma':

1. Ir-reġistrazzjoni, il-kiri tal-ispazju u tal-istand, is-sigurtà, l-istewards u l-ħlasijiet tal-parteċipazzjoni.

2. Il-pubblikazzjonijiet marbutin mal-attività.

3. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar.

B) Għall-għajnuna tat-twettiq ta' studji, l-ispejjeż relatati ma':

1. L-istudji dwar il-ħolqien u r-rikonoxximent ta' marka ta' kwalità (Denominazzjoni ta' Oriġini, Indikazzjoni Ġeografika Protetta, Marka ta' Garanzija jew Inbid ta' Kwalità prodott f'Reġjun Speċifiku) ta' prodotti agrikoli tal-provinċja ta' Salamanca.

2. Studji oħra li għandhom l-għan li jtejbu l-kwalità tal-prodotti agrikoli tal-provinċja ta' Salamanca li diġà jkollhom waħda mill-marki ta' kwalità msemmija fil-punt preċedenti.

C) Għall-promozzjoni tal-kwalità alimentari, l-ispejjeż relatati ma':

1. L-ispejjeż għall-parteċipazzjoni f'fieri nazzjonali: il-kiri tal-ispazju u tal-istand, is-sigurtà, l-istewards, il-ħlasijiet tal-parteċipazzjoni, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-pubblikazzjonijiet marbuta mal-attività.

2. Il-preżentazzjoni tal-prodotti ta' kwalità fil-livell nazzjonali u provinċjali: jistgħu jiġu sussidjati biss il-kiri tal-istallazzjonijiet fejn issir il-preżentazzjoni, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-pubblikazzjonijiet marbutin mal-attività.

3. Pubblikazzjonijiet bħal katalgi jew websajts li jagħtu tagħrif dwar il-produtturi minn reġjun speċifiku jew ta' prodott speċifiku, sakemm dan it-tagħrif u l-preżentazzjoni tiegħu jkunu newtrali u l-produtturi kollha kkonċernati jingħataw l-istess opportunità biex ikunu inklużi fihom.

**Settur(i) benefiċjarju/I:** Is-settur agroalimentari.

**Isem u l-indirizz tal-awtorità li qed tagħti l-għajnuna:**

Excma. Diputación Provincial de Salamanca
C/Felipe Espino nº 1
37002 Salamanca
ESPAÑA

**Indirizz tal-internet:**

http://www.lasalina.es/areas/eh//ProyConvocatorias/2009/Denominaciones.pdf

**Tagħrif ieħor:** Dan is-sussidju huwa kompatibbli ma' kwalunkwe sussidju, għajnuna, riżors jew dħul ieħor għall-attività sussidjata mogħti minn kwalunkwe awtorità jew organizzazzjoni pubblika jew privata, nazzjonali, Komunitarja jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali. Jekk l-applikant ikun ingħata għajnuna oħra – għall-istess għan – li ma tkunx kompatibbli ma' dik li tingħata mingħand il-Gvern Lokali, għandu japplika l-Artikolu 33 tar-*Real Decreto 887/2006, de 21 de julio, por el que se aprueba el Reglamento de la Ley General de Subvenciones* (ir-*Real Decreto* 887/2006, tal-21 ta' Lulju li jistabbilixxi r-regoli ta' implimentazzjoni rigward il-*Ley General de Subvenciones*).

Madankollu, l-ammont tas-sussidji li jingħataw mill-Gvern Lokali qatt ma għandu jaqbeż l-ispejjeż tal-attività sussidjata, kemm l-ammont waħdu kif ukoll flimkien ma' sussidji, għajnuna, dħul jew riżorsi oħra.

Bl-istess mod, is-sussidju mhuwiex kompatibbli mal-ebda sussidju, għajnuna, riżors jew dħul ieħor għall-istess attività sussidjata, mogħtija mill-Gvern Lokali ta' Salamanca sew permezz ta' konċessjoni diretta, sew permezz ta' proċedura ta' konkors kompetittiv, fejn l-ispejjeż eliġibbli jistgħu jikkoinċidu.

**Numru XA:** XA 439/08

**Stat Membru:** L-Italja

**Reġjun:** Il-Provinċja awtonoma ta' Bolzano

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna jew isem l-impriża benefiċjarja li tirċievi l-għajnuna individwali:** Il-kriterji u l-modalità marbuta mal-għoti tal-għajnuna għall-assistenza teknika fl-agrikoltura

**Bażi Ġuridika:**

L-Artikolu 4, Virgola 1, Ittra p) tal-liġi provinċjali tal-14 ta' Diċembru 1998, nru 11, u l-emendi sussegwenti

**Nefqa annwali ppjanata skont l-iskema jew l-ammont annwali totali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-impriża:** EUR 300 miljun

**Intensità massima tal-għajnuna:** 100 %

**Data tal-implimentazzjoni:** 7/1/2009

**Tul ta' żmien tal-iskema jew tal-għotja tal-għajnuna individwali:** 30/06/2014

**Għan tal-għajnuna:** L-għoti ta' assistenza teknika fis-settur agrikolu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006

**Settur(i) konċernat(i):** Il-produzzjoni ġenerali marbuta mal-annimali u l-ħxejjex

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Ripartizione provinciale agricoltura
Via Brennero, 6
39100 Bolzano
ITALIA

**Sit tal-Internet:**

http://www.egov.bz.it/DownloadAttachment.aspx?id=1013721

**Tagħrif ieħor:** —

**Numru XA:** XA 440/08

**Stat Membru:** Spanja

**Reġjun:** Castilla-La Mancha

**Titolu tal-iskema ta' għajnuna:** Ayudas para la integración cooperativa sin vinculación patrimonial.

**Bażi legali:**

Convocatorias de ayudas para las cooperativas agrarias:

Orden de 8/6/2000 de la Consejería de Agricultura y Medio Ambiente por la que se establecen los programas de fomento de la calidad agroalimentaria en Castilla-La Mancha (FOCAL 2000) programa 1 cooperativismo agrario

Orden de de la Consejería de Agricultura y Desarrollo Rural, por la que se aprueban las bases reguladoras de las ayudas para la mejora de las estructuras asociativas agrarias en Castilla-La Mancha y se convocan dichas ayudas para el año 2009.

**Nefqa annwali ppjanata taħt l-iskema jew ammont globali tal-għajnuna individwali mogħtija lill-kumpanija:** Ammont globali ta' EUR 50 000,00

**Intensità massima tal-għajnuna:**

It-80 % tal-ispejjeż eliġibbli

— L-ispejjeż għat-twaqqif tal-entità.

— L-ispejjeż amministrattivi tal-persunal.

— Ix-xiri ta' materjal tal-uffiċċju (inklużi kompjuters u programmi informatiċi).

— Spejjeż ġenerali, legali u amministrattivi.

**Data tal-implimentazzjoni:** B'seħħ mid-data tal-pubblikazzjoni tan-numru tar-reġistrazzjoni tat-talba għal eżenzjoni fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali tal-Kummissjoni.

**Tul ta' żmien tal-iskema jew tal-għajnuna individwali:** Sal-31 ta' Diċembru 2013.

**Għan tal-għajnuna:** Għaqdiet ta' produtturi (l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1857/2006).

**Settur jew setturi benefiċjarji:** L-agrikultura, it-trobbija tal-bhejjem, il-forestrija u s-sajd.

**Isem u indirizz tal-awtorità li tagħti l-għajnuna:**

Consejería de Agricultura y Desarrollo Rural,
C/Pintor Matías Moreno, nº 4,
45004 Toledo

**Indirizz tal-internet::**

Proviżjonalment: http://www.jccm.es/agricul/paginas/ayudas/-cooperativismo/cooperativismo.htm, u www.jccm.es/cgi-bin/docm.php3 meta jiġi ppubblikat.

V

*(Avviżi)*

## PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

# L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦALL-GĦAŻLA TAL-PERSUNAL (EPSO)

**AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONIJIET ĠENERALI**

**EPSO/AD/166/09 u EPSO/AD/167/09**

(2009/C 93/06)

L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza l-kompetizzjonijiet ġenerali

**EPSO/AD/166/09**

għar-reklutaġġ ta' **Tradutturi (AD5) fil-lingwa Bulgara**

**EPSO/AD/167/09**

għar-reklutaġġ ta' **Tradutturi (AD 5) fil-lingwa Rumena**

L-avviż tal-kompetizzjoni huwa ppubblikat biss bil-Bulgaru u bir-Rumen fil-Ġurnal Uffiċjali **C 93 A tat-22 ta' April 2009**.

Għal iktar informazzjoni kkonsulta s-sit tal-EPSO http://eu-careers.eu

# PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

# IL-KUMMISSJONI

## Avviż ta' tnedija ta' reviżjoni *interim* parzjali tal-miżuri *anti-dumping* applikabbli għal importazzjonijiet ta' ferro-silikon li joriġinaw minn dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja

(2009/C 93/07)

Il-Kummissjoni rċeviet talba għal reviżjoni *interim* parzjali skont l-Artikolu 11 (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-import - azzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku").

1. **Talba għal reviżjoni**

It-talba saret minn Silmak DOOEL ("l-applikant"), produttur esportatur minn dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja.

L-ambitu tar-reviżjoni huwa limitat għall-eżami tad-*dumping* safejn għandu x'jaqsam l-applikant.

2. **Prodott**

Il-prodott taħt reviżjoni huwa ferro-silikon li joriġina minn dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja ("il-prodott ikkonċernat") attwalment ikklassifikat fil-kodiċi NM 7202 21 00, 7202 29 10 u 7202 29 90. Dawn il-kodiċi NM qed jingħataw biss bħala informazzjoni.

3. **Miżuri eżistenti**

Il-miżuri attwalment fis-seħħ huma dazju *anti-dumping* definittiv impost mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 172/2008 ([2]) fuq importazzjonijiet ta' ferro-silikon li joriġinaw, fost oħrajn, f'dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja.

4. **Raġunijiet għar-reviżjoni**

It-talba skont l-Artikolu 11(3) hija msejsa fuq evidenza *prima facie*, pprovduta mill-applikant, li ċ-ċirkustanzi, li abbażi tagħhom ġew imposti l-miżuri eżistenti nbidlu u li dan it-tibdil huwa ta' natura permanenti.

L-applikant ipprovda evidenza *prima facie* li l-impożizzjoni kontinwa tal-miżura fil-livell attwali tagħha ma għadhiex meħtieġa biex ikun ikkumpensat id-*dumping*. Tqabbil tal-valur normali kompost tal-applikant u l-prezzijiet tiegħu tal-esportazz-joni lejn il-Komunità jindika li l-marġni ta' *dumping* jidher li huwa sostanzjalment aktar baxx mil-livell attwali tal-miżura.

Għalhekk, l-impożizzjoni kontinwa tal-miżuri fil-livell eżistenti, li kienet imsejsa fuq il-livell ta' *dumping* stabbilit qabel, tidher li ma għadhiex meħtieġa biex ikun ikkumpensat id-*dumping*.

5. **Il-proċedura għad-determinazzjoni ta' *dumping***

Wara li ddeterminat, b'konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li hemm biżżejjed evidenza biex tiġġustifika t-tnedija ta' reviżjoni *interim* parzjali, il-Kummissjoni qiegħda b'dan tniedi reviżjoni skont l-Artikolu 11 (3) tar-Regolament bażiku.

L-investigazzjoni se tivvaluta l-bżonn għall-issuktar, għat-tneħħija jew għall-emendar tal-miżuri eżistenti fir-rigward tal-applikant.

Jekk jinstab li l-miżuri għandhom jitneħħew jew jiġu emendati għall-applikant, jista' jkun meħtieġ li tiġi emendata r-rata tad-dazju attwalment applikabbli għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat minn kumpaniji li ma jissemmewx individwalment fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 172/2008.

([1]) ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.
([2]) ĠU L 55, 28.2.2008, p. 6.

(a) *Il-kwestjonarji*

Biex tikseb it-tagħrif li tqis meħtieġ għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarji lill-applikant u lill-awtoritajiet tal-pajjiż esportatur ikkonċernat. Dan it-tagħrif u l-evidenza ta' sostenn għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fiż-żmien preskritt stipulat fil-punt 6(a).

(b) *Il-ġbir ta' tagħrif u s-smigħ ta' seduti*

Il-partijiet kollha interessati qegħdin b'dan jiġu mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom, jibagħtu informazzjoni barra mit-tweġibiet għall-kwestjonarju u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Dan it-tagħrif u dawn id-dokumenti ta' sostenn għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fiż-żmien preskritt stipulat fil-punt 6(a).

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tisma' lill-partijiet interessati, sakemm dawn jagħmlu talba fejn juru li hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu. Din it-talba għandha ssir fiż-żmien preskritt stipulat fil-punt 6(b).

6. **Iż-żmien preskritt**

(a) *Għall-partijiet biex jippreżentaw ruħhom, jibagħtu t-tweġibiet għall-kwestjonarju u kull tagħrif ieħor*

Il-partijiet interessati kollha, jekk id-dikjarazzjonijiet tagħhom għandhom jitqiesu matul l-investigazzjoni, għandhom jippreżentaw ruħhom billi jikkuntattjaw lill-Kummissjoni, iressqu l-fehmiet tagħhom u jibagħtu t-tweġibiet għall-kwestjonarju jew kwalunkwe tagħrif ieħor fi żmien 40 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor. Qed tinġibed l-attenzjoni għall-fatt li l-eżerċizzju ta' ħafna mid-drittijiet proċedurali stabbiliti fir-Regolament bażiku jiddependi minn kemm il-parti tippreżenta lilha nnifisha fil-perjodu msemmi qabel.

(b) *Seduti ta' smigħ*

Il-partijiet interessati kollha jistgħu wkoll japplikaw biex jinstemgħu mill-Kummissjoni fl-istess żmien preskritt ta' 40 jum.

7. **Sottomissjonijiet bil-miktub, tweġibiet għall-kwestjonarju u korrispondenza**

Is-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha magħmula mill-partijiet interessati għandhom isiru bil-miktub (mhux b'format elettroniku, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor) u għandhom jindikaw l-isem, l-indirizz, l-indirizz elettroniku, in-numri tat-telefown u tal-faks tal-parti interessata. Is-sottomissjonijiet kollha bil-miktub, inkluż it-tagħrif mitlub f'dan l-avviż, it-tweġibiet għall-kwestjonarju u l-korrispondenza mogħtija mill-partijiet interessati fuq bażi kunfidenzjali għandhom ikunu mmarkati bħala "*Limitati*" ([1]) u, skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, għandhom ikunu akkumpanjati minn verżjoni mhux kunfidenzjali, li se tkun immarkata bħala "*Għal Spezzjoni Mill-Partijiet Interessati*".

L-indirizz għall-korrispondenza tal-Kummissjoni:

European Commission
Directorate General for Trade
Directorate H
Office: N-105 4/92
B-1049 Brussels
Faks (32-2) 295 65 05

8. **Nuqqas ta' kooperazzjoni**

F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess għal jew ma tipprovdix it-tagħrif meħtieġ fiż-żmien preskritt, jew tfixkel l-investigazzjoni b'mod sinifikanti, is-sejbiet, pożittivi jew negattivi, jistgħu jsiru skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, abbażi tal-fatti disponibbli.

Fejn jinstab li xi parti interessata tkun tat tagħrif falz jew qarrieqi, it-tagħrif għandu jitwarrab u jista' jsir użu mill-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera biss b'mod parzjali, u jsir użu mill-fatti disponibbli, ir-riżultat jista' jkun inqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku kkooperat.

9. **Skeda tal-investigazzjoni**

L-investigazzjoni għandha tiġi konkluża, skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament bażiku, fi żmien 15-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

10. **Proċessar ta' dejta personali**

Ta' min jinnota li kull dejta personali miġbura f'din l-investigazzjoni se tiġi trattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' din id-dejta ([2])

([1]) Dan ifisser li d-dokument ikun għal użu intern biss. Huwa mħares skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43). Huwa dokument kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (Ftehim tal-Anti-Dumping).

([2]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

11. **Uffiċjal għas-Seduti tas-Smigħ**

Ta' min jinnota wkoll li jekk il-partijiet interessati jqisu li qegħdin jiltaqgħu ma' diffikultajiet fl-eżerċitar tad-drittijiet ta' difiża tagħhom, huma jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal għas-Seduti tas-Smigħ tad-DĠ għall-Kummerċ. Dan jaġixxi bħala medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi tal-Kummissjoni, filwaqt li joffri, fejn ikun meħtieġ, medjazzjoni dwar kwistjonijiet proċedurali li jaffettwaw il-ħarsien tal-interessi tagħhom f'dan il-proċediment, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-aċċess għall-fajl, il-kunfidenzjalità, l-estensjoni taż-żmien preskritt u t-trattament tas-sottomissjoni tal-opinjonijiet bil-miktub u/jew bil-fomm. Għal aktar tagħrif u dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni fuq l-internet tal-Uffiċjal tas-Smigħ fuq il-websajt tad-DĠ għall-Kummerċ (http://ec.europa.eu/trade).

V *Avviżi*

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

**L-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO)**

2009/C 93/06 Avviż ta’ kompetizzjonijiet ġenerali EPSO/AD/166/09 u EPSO/AD/167/09 .......................... 21

PROĊEDURI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

**Il-Kummissjoni**

2009/C 93/07 Avviż ta’ tnedija ta’ reviżjoni *interim* parzjali tal-miżuri *anti-dumping* applikabbli għal importazzjonijiet ta’ ferro-silikon li joriġinaw minn dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja .............. 22

MT

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

| | | |
|---|---|---|
| (*) Il-prezz kull kopja: | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
L-2985 IL-LUSSEMBURGU

MT